MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2013

Numru. 1055/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Tony Cachia]**

**vs**

**Giovanni Bajada**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Giovanni Bajada detentur tal-karta tal-identita` numru 472640(M).

Akkuzat talli:
a) Nhar is-6 ta’ Awwissu 2010, ghall-habta tad-9.30 a.m. u fix-xhur u granet ta’ qabel gewwa fond numru 34, Triq tal-bajjada, Qormi, gieghel annimali jsofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn;

b) U aktar talli, fl-istess data, xhur u granet ta' qabel, lok, hin u cirkostanzi zamm annimali ghandu u ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom;

c) U aktar talli, fl-istess data, hin, u fix-xhur u granet ta' qabel, lok u cirskostanzi, qatel annimali ta' razza domestika jew li jappartjenu ghal razza selvagga izda li jkunu gew domestikati, minbarra annimali mizmuma ghall-produzzjoni tal-ikel, meta hlief f'kaz ta' emergenza li vizibilment tfisser tbatija zejda u li tista' twassal ghall-mewt, ried ikun veterinarju biss jew persuna ohra kompetenti li tista' toqtol;

d) U aktar talli, fl-istess data, u fi xhur u granet ta' qabel, lok, hin u cirkostanzi qatel annimali b'metodu li kkaguna tbatija fizika u mentali ghall-annimali;

e) U aktar talli, fl-istess data, u fix-xhur u granet ta' qabel, lok, hin u cirkostanzi, ma rregistrax sitt naghgiet mad-Direttur tal-veterinarji; u

f) Aktar talli, fl-istess data, xhur u granet ta' qabel, lok, hin u cirkostanzi, zamm Biccerija minghajr permess.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

**PROVI**

Xehdu diversi ufficjali in sostenn tat-tezi tal-prosekuzzjoni fosthom rapprezentant tal-Animal Welfare Emanuel Buhagiar u Goderick Marsten, ufficjal tal-Awtorita` tas-Sanita` Aldo Magro u l-ufficjali tal-pulizija li kollha xehdu fuq ix-xena li raw meta waslu fuq il-post u fejn esebew diversi ritratti li kollha jitkellmu wahidhom u li m'ghandhom bzonn l-ebda spjegazzjoni ulterjuri.

Importanti kienet ukoll ix-xhieda ta' Dr. Duncan Chetcuti Ganado mid-Dipartiment tal-veterinarju fejn huwa xehed illi a rigward is-sitt naghgiet kien tort tad-dipartiment taghhom li ma kienux itteggjati u a rigward l-allegazzjoni ta' biccerija llegali huwa xehed illi ma rax li kien hemm xi qtil fuq il-post izda dak li ra irregolari kien id-'deboning' li kien sar fuq xi rjus ta' xi majjali.
Ghad-difiza xehed l-imputat Giovanni Bajada li kkonferma dak li kien qal lill-ispettur fl-istqarrija tieghu. Huwa jispjega illi missieru kien biccier fil-passat u li hu ha minghand missieru izda pero` jispjega li kien ilu ma joqtol izda dan l-ahhar kien jiehu l-annimali l-biccerija. A rigward l-irjus tal-majjali huwa jixhed illi dawn jixtrihom mil-biccerija. A rigward l-imsaren huwa jghid hekk:

*"Dawk imsaren ghal Gharbi biex jaghmlu z-zalzett huma l-Osban*
*jghidulu, jinhadem ikollu s-salmura u jibqa talikwali hu, sa sena jibqa tajjeb.*
*Q. Minn fejn gibtu dak?*
*Mhux mill-biccerija, mill-istess ghax dan il-Mislem jigi joqtolhom hu u jkun*
*irid l-intestini kollha mill-istess bhejjem milli joqtol hu, ghax huma lilna ma jafdawniex. . . .*
*U meta sar il-kaz, ghax jiena dak il-gild insejtu kien ilu xi ghaxart (10) ijiem fuq il-bejt biex jinxef u l-Gharbi ma kienx mghaggel u nsejtu. U meta sar il-kaz tela' u sibt it-tankijiet u s-saratizz maqlub jien u ma ndunajtx, imbaghad xi hadd minn dawn li ha r-ritratt tal-gild, ghax qieghed bejn zewg hitan."*

A rigward l-ghodda li nstabu fuq il-post l-imputat qal illi dawk li kienu mdendlin kienu antiki ta' missieru u ma riedx jarmihom u l-ghodda li kienu nstabu f'kaxxa bid-demm kien uzahom fil-biccerija u kien ghadu ma naddafhomx ghax hu kien inaddafhom id-dar.

In sostenn tat-tezi tieghu l-imputat esebixxa numru ta' dokumenti fosthom ircevuti ta' meta xtara l-irjus tal-majjali u ta' ricevuti tal-biccerija.

Xhud iehor kien Philip Borg li kien jahdem il-biccerija tal-Gvern u li kkonferma li l-imputat kien ikun ta' spiss hafna il-biccerija kwazi kulljum u li qatt ma kellu problem mieghu. Xhud importanti huwa Alfred Briffa li huwa biccier fil-biccerija tal-Gvern fejn xehed li dak in-nhar tas-6 ta'Awwissu 2010, kien mal-imputat il-biccerija u meta l-imputat rcieva telefonata u kellu jitlaq malajr u ha l-ghodda tieghu kif kienu mimlijin bid-demm. Finalment xehed ukoll Farrag Abouddhab li huwa dak il-persuna li kien jissuplixxi minn Giovanni Bajada u li kkonferma dak kollu li kien xehed l-imputat stess.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti wara li ezaminat ix-xhieda kollha inkluz id-dokumenti migjuba fosthom ir-ritratti tal-post in kwistjoni, il-Qorti thoss, li ghalkemm hija diskutibbli l-istat ta' igene tal-post li certament mhijiex mertu ta'din il-kawza, il-Qorti thoss illi l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha u dan ghaliex id-difiza, bil-provi li gabet nisslet aktar minn dubju zghir li jista' jiskolpa lill-istess imputat mill-imputazzjonijiet migjuba kontrih. L-imputat minn dejjem kien kostanti fit-tezi tieghu sa minn meta ta l-istqarrijiet quddiem l-ispettur u anke meta xehed quddiem din il-Qorti, sahansitra kkorrabora dan kollu permezz ta' dokumenti u xhieda indipendenti ohra.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 8 (2), 8 (3), 13 (1), u 13 (2) tal-Kap 439 u Artikolu 35(c)(iii) tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta'Malta, mhux qed issib lill-imputat Giovanni Bajada hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------